32003D0828

27.11.2003 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 311/41

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Novembru ta' l-2003

dwar iż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza għal dak li jirrigwarda l-bluetongue

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 4335)

(Test b'relevanza għall-EEA)

(2003/828/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidraw id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE ta' l-20 ta' Novembru ta' l-2000 li tniżżel dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u qrid ta' bluetongue [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2)(d), l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 9(1)(c), u t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/218/KE tas-27 ta' Marzu ta' l-2003 dwar żoni ta' protezzjoni u sorvellajnza għal dak li jirrigwarda l-bluetongue u dwar regoli applikabbli għal movimenti ta' annimali fi u minn dawk Iż-żoni u li tħassar id-Deċiżjoni 2001/783/KE [2], kif emendata permezz tad-Deċiżjoni 2003/535/KE [3], kienet addottata fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-bluetongue li tipprevali fl-ewwel xhur ta' l-2003. Dik id-Deċiżjoni tispjega ż-żoni ta' protezzjoni u sorvelljanza li tikkorrispondi għal sitwazzjonijiet epidemoloġiċi speċifiċi u tniżżel l-kondizzjonijiet għal eżenzjonijiet mit-twaqqif tal-movimenti ta' l-annimali fi u minn dawk Iż-żoni.

(2) In vista ta' l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni, u b'mod partikolari l-Iżolament ta' serotype ġdida f'Sardinia u Corsica (serotype 4) u inkursjoni ġdida ta' serotype 2 fil-Gżejjer Baleariċi, l-oqsma ġeografiċi globali fejn żoni ta' protezzjoni u sorvellajnza għandhom ikunu stabbiliti għandhom jerġgħu jkunu kkunsidrati.

(3) Ħames "żoni ta' restrizzjoni" globali għandhom ikunu distinti fuq il-bażi ta' serotype(s) Iżolati: Gżejjer Baleariċi u l-Italja kontinentali ta' fuq (serotype 2 biss), Sardinia u Corsica (serotypes 2 u 4), Italja kontinentali ta' fuq (serotypes 2 u 9 u fuq daqs inqas 4 u 16), u żewġ żoni għal Greċja fejn serotypes differenti ġew Iżolati f'lokalitajiet differenti matul is-snin ta' qabel.

(4) Skond talba magħmula mill-Greċja, huwa adegwat li tkun stabbilita distinzjoni bejn il-parti kontintentali tat-territorju ta' dak l-Istat Membru, minn liema eżenzjonijiet mit-twaqqif ta' ħruġ jistgħu jkunu implimentati għal dak li jirrigwarda n-negozju fil-Komunità', u l-qbija tat-territorju fejn tali eżenzjonijiet għandhom ikunu limitati għall-movimenti domestiċi biss.

(5) In vista tat-twaqqif tat-tilqim fiż-żoni ta' sorvelljanza stabbiliti fid-Direttiva 2000/75/KE, u ta' l-evoluzzjoni tas-sitazzjoni epidemoloċika fuq l-art, huwa adegwat li tkun imħollija d-demarkazzjoni bejn żoni ta' protezzjoni u sorvelljanza li għandhom ikunu miftehma mill-awtorita' kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati.

(6) Eżenzjonijiet mit-twaqqif ta' ħruġ applikabbli għal movimenti ta' annimali minn żoni ta' protezzjoni u sorvelljanza għandhom ikunu awtorizzati fuq sitwazzjoni ta' analiżi ta' riskju meħuda in konsiderazzjoni d-data miġbura minn programm ta' sorvelljanza dwar l-attivita' tal-virus fil-post ta' l-oriġini, id-destinazzjoni ta' l-annimali, u l-istat tat-tilqim tagħhom.

(7) Huwa adegwat li jkun provdut għall-kondizzjonijiet taħt liema l-mixi ta' annimali minn żoni ta' protezzjoni u sorvelljanza għandhom iseħħu.

(8) Għall-għan ta' kjarifika tal-leġislazzjoni tal-Komunità' huwa xieraq li tkun imħassra d-Deċiżjoni 2003/218/KE u tkun sostitwieta permezz ta' din id-Deċiżjoni.

(9) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma in konformita' ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Materja tas-suġġett

L-għan ta' din id-Deċiżjoni hija sabiex ikun hemm demarkazzjoni ta' l-oqsma ġeografiċi globali fejn żoni ta' protezzjoni u sorvelljanza ("żoni ristretti") għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri kif provdut fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2000/75/KE.

L-għan tiegħu huwa li jkunu stabbiliti l-kondizzjonijiet għall-eżenzjoni mit-twaqqif ta' ħruġ stabbiliti fl-Artikolu 9(1)(c) u l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2000/75/KE (projbizzjoni ta' ħruġ) ċerti movimenti ta' annimali, l-isperma, ova u embrijoni tagħhom, minn dawk Iż-żoni u miż-żoni (Transitu).

Din id-Deċiżjoni ma taffettwax movimenti f'żona ristretta kif stabbilita fl-Artikolu 2.

[1] ĠU L 327, tat-22.12.2000, p. 74.
[2] ĠU L 82, tad-29.3.2003, p. 35.
[3] ĠU L 184, tat-23.7.2003, p. 40.

L-Artikolu 2

Demarkazzjoni ta' żoni ristretti

1. Żoni ristretti A, B, C, D u E għandhom ikunu demarkati kif stabbilit fl-Anness I.

Eżenzjonijiet mit-twaqqif ta' ħruġ għandhom iseħħu biss in konformita' nall-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

2. Fil-każ ta' Greċja, il-projbizzjoni tal-ħruġ għandu japplika għall-movimenti domestiċi minn żona E sa żona D biss kif stabbilit fl-Anness I.

L-Artikolu 3

Eżenzjoni mit-twaqqif għall-movimenti domestiċi

1. Dispaċċ domestiċi ta' annimali, l-isperma, ova u embrijoni tagħhom jikkonformaw mall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II jew, fil-każ ta' Franza u Italja li jikkonformaw ma' paragrafu 2 jew fil-każ tal-Greċja li jikkonformaw ma' paragrafu 3.

2. Fi Franza u l-Italja, għall-oqsma fejn it-tilqim tlesta skond il-programm addottat mill-awtorita' kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat, kif identifikat fl-Anness I, dispaċċ domestiċi kif provduti fil-paragrafu 1 għandhom ikunu eżenti wkoll mit-twaqqif ta' ħruġ mill-awtorita' kompetenti, jekk:

(a) il-programm ta' sorvelljanza f'qasam ta' oriġini relevanti epidemoloġIka ppruvat it-twaqqif taċ-ċirkulazzjoni tal-virus bluetongue għal iktar minn 100 jum qabel tid-data ta' dispaċċ; jew

(b) il-programm ta' sorvelljanza ta' vettoru f'qasam ta' destinazzjoni relevanti epidemolġiku ppruvat t-twaqqif ta' attivita' adulta ta' Culicoides;

u

(ċ) l-annimali ġew imlaqqma iktar minn 30 jum u inqas minn sena qabel id-data ta' dispaċċ kontra serotype li jiċċirkulaw f'qasam relevanti ta' oriġini epidemoloġIċi.

3. Fil-Greċja dispaċċ domestiku kif provdut fil-paragrafu 1 għandu wkoll ikun eżenti mill-projbizzjoni ta' ħruġ mill-awtorita' kompetenti jekk:

(a) l-annimali ġew verifikati b'mod seroloġiku (BT ELISA jew AGID) b'riżultat negattiv fi żmien 72 siegħa qabel il-ħin tad-dispaċċ; u

(b) l-annimali ġew sprejjati bi flitt b'effett li jibqa' għal iktar minn erbgħat ijiem fl-okkażżjoni ta' kampjun.

4. Proċedura ta' twassil għandha tkun imtella', taħt il-kontroll ta' l-awtorita' kompetenti, li tbiegħed kwalunkwe moviment ieħor għal Stat Membru ieħor ta' annimali mċaqalqa taħt il-kondizzjonijiet provduti f'dan l-Artikolu.

L-Artikolu 4

Eżenzjoni mit-twaqqif ta' ħruġ għall-movimenti domestiċi għall-biċċerija

Dispaċċ ta' annimali minn żona ristretta għall-biċċirija immedjata fi Stat Membru wieħed jista' jkun eżenti mit-twaqqif ta' ħruġ mill-awtorita' kompetenti jekk:

(a) stima ta' riskju każ b'każ dwar il-kuntatt possibbli bejn annimali u l-vettori matul trasport sal-biċċerija hija magħmula, meħuda in konsiderazzjoni:

(i) d-data disponibbli matul il-programm ta' sorvelljanza fuq l-attivita' tal-vettori;

(ii) id-distanza mill-punt tad-dħul fiż-żona mhux ristretta sal-biċċerija;

(iii) id-data entomoloġika fuq ir-rotta msemmija f'punt (ii);

(iv) il-perjodu tal-jum matul meta t-trasport iseħħ għal dak li jirrigwarda s-siegħat ta' attivita' tal-vettori;

(v) l-użu possibbli ta' insettiċidi in konformita' mad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE ([1]);

(b) l-annimali li għandhom ikunu mċaqalqa ma jurux sinjal ta' bluetongue fil-jum tat-trasport;

(ċ) l-annimali huma trasportati f'vetturi ssiġġillati mill-awtorita' kompetenti u direttament lill-biċċerija għall-għan ta' tbiċċir għall-għan ta' tbiċċir immedjat, taħt superviżjoni uffiċjali;

(d) l-awtorità kompetenti responsabbli għat-tbiċċir huwa nfurmat tal-ħsieb li jibgħat annimali lilu u jinnotifika l-awtorita' kompetenti ta' dispaċċ tal-wasla tagħhom.

L-Artikolu 5

Eżenzjoni mit-twaqqif ta' ħruġ għall-annimali li jitilqu miż-żoni ristretti għan-negozju fil-Komunità'

1. Dispaċċ ta' annimali, l-isperma, ova u l-embrijoni tagħhom, minn żoni ristretti A, B, C u D kif stabbiliti fl-Anness I għandhom ikunu eżenti mill-projbizzjoni ta' ħruġ għan-negozju fil-Komunità' mill-awtorita' kompetenti biss jekk:

(a) l-annimali, l-isperma, ova u embrijoni tagħhom jikkonformaw mall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3; u

(b) l-Istat Membru ta' destinazzjoni jagħti l-approvazzjoni tiegħu minn qabel.

([1]) ĠU L 125, tat-23.5.1996, p. 10.

2. L-Istat Membru ta' oriġini li jinqeda mill-eżenzjoni provdut fil-paragrafu 1 għandu jassigura li l-kliem segwenti addizzjonali huma miżjuda maċ-ċertifikati ta' saħħa korrispondenti stabbiliti fid-Direttivi tal-Kunsill 64/432/KEE [1], 88/407/KEE [2], 89/556/KEE [3], 91/68/KEE [4] u 92/65/KEE [5]:

"annimali/sperma/ova/embrijoni (*) in konformita' ma' Deċiżjoni 2003/828/KE.

(*) Ħassar kif jixraq."

L-Artikolu 6

Transitu ta' annimali minn żona ristretta

1. It-transitu ta' annimali mibgħuta minn żona tal-Komunità' barra ż-żoni ristretti stabbiliti fl-Anness I minn żona ristretta stabbilita f'dak l-Anness, għandu jkun awtorizzat jekk trattament ta' insettiċida ta' l-annimali u tal-mezz tat-trasport ikun maħruġ fil-post tat-tagħbija jew f'kwalunkwe każ qabel ma jidħol fiż-żona ristretta.

Meta matul transitu minn żona ristretta, perjodu ta' mistrieħ huwa previst f'post ta' twaqqif, trattament ta' pestiċida għandu jkun maħruġ sabiex jipproteġġI annimali milli jkunu attakkati minn vettori.

2. Fil-każ ta' negozju fil-Komunità', it-transitu għandu jkun soġġett għall-awtorizzazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' transitu u l-Istat Membru ta' destinazzjoni, u l-kliem addizzjonali segwenti għandhom ikunu miżjuda maċ-ċertifikati ta' saħħa korrispondenti stabbiliti fid-Direttivi 64/432/KEE, 91/68/KEE u 92/65/KEE:

"Trattament ta' insettiċida bi (isem tal-prodott) fid- (data) fil-(ħin) in konformita' mad-Deċiżjoni 2003/828/KE."

L-Artikolu 7

Miżuri ta' implimentazzjoni

L-Istati Membri għandhom jemendaw l-miżuri li japplikaw sabiex jinnegozjaw sabiex Iġibuhom in konformita' ma' din id-Deċiżjoni u għandhom jagħtu pubbliċita' adegwata immedjata lill-miżuri addottati. Għandhom jinfurmaw immedjatament lill-Kummissjoni ta' dan.

L-Artikolu 8

Tħassir

Deċiżjoni 2003/218/KE hija mħassra. Referenzi magħmula lid-Deċiżjoni mħassra għandhom ikunu mfissra bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 9

Applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mis-17 ta' Diċembru ta' l-2003.

L-Artikolu 10

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 25 ta' Novembru ta' l-2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 1977.
[2] ĠU L 194, tat-22.7.1988, p. 10.
[3] ĠU L 302, tad-19.10.1989, p. 1.
[4] ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 19.
[5] ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 54.

L-ANNESS I

(żoni ristretti: oqsma ġeografiċi fejn żoni ta' protezzjoni u sorvelljanza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri)

Żona A (serotypes 2 u 9, u sa ċertu inqas punt 4 u 16)

Oqsma fejn l-Artikolu 3(2) huwa applikabbli

Sqallija:	Ragusa, Enna
Molise:	Isernia, Campobasso
Abruzzi:	Chieti, il-muniċipalitajiet kollha li jappartjenu lill-unit tas-saħħa lokali ta' Avezzano-Sulmona
Lazio:	Frosinone, Latina
Campania:	il-muniċipalitajiet kollha li jappartjenu lill-unit tas-saħħa lokali ta' Caserta I

Oqsma fejn l-Artikolu 3(2) ma huwix applikabbli

Sqallija:	Agrigente, Catania, Caltanissetta, Palermo, Mesine, Siracusa e Trapani
Calabria:	Catanzaro, Cosenza, Crotone, Reggio Calabria, Vibo Valentia
Basilicata:	Matera, Potenza
Apulia:	Foggia, Bari, Lecce, Taranto, Brindisi
Campania:	Caserta bl-eċċezzjoni tal-muniċipalitajiet kollha li jappartjenu lill-unit tas-saħħa lokali ta' Caserta I, Bene-vento, Avellino, Napli, Salerno
Abruzzi:	L'Aquila bl-eċċezzjoni tal-muniċipalitajiet kollha li jappartjenu lill-unit tas-saħħa lokali ta' Avezzano-Sulmona

Żona B (serotype 2)

Oqsma fejn l-Artikolu 3(2) huwa applikabbli

l-Italja:

Lazio:	Viterbo, Ruma, Rieti
Tuscany:	Massa Carrara, Pisa, Grosseto, Livorno
Umbria:	Terni

Oqsma fejn l-Artikolu 3(2) ma huwix applikablbi

Spanja:

Gżejjer Baleariċi

Żona C (serotypes 2 u 4)

Franza:

Korsika ta' Isfel, Korsika ta' Fuq

l-Italja:

Sardinia:	Cagliari, Nuoro, Sassari, Oristano

Żona D

It-territorju kollu Grieg bl-eċċezzjoni ta' *prefectorates* imniżżla f'Żona E

Żona E

Dodecanese, Samos, Chios u Lesbos prefectorates

L-ANNESS II

A. Annimali ħajja kellhom ikunu:

1. rotetti minn attakk mill-Culicoides għal għall-inqas 100 jum qabel tbaħħir; jew
2. protetti minn attakk mill-Culicoides għal għall-inqas 28 jum qabel tbaħħir, u soġġetti matul dak il-perjodu għal test seroloġiku sabiex ikunu misjuba antibodies għal grupp BTV, bħal kompetizzjoni BT ELISA jew it-test BT AGID, b'riżultati negattivi fuq żewġ okkażjonijiet, b'intervall ta' mhux inqas minn sebgħat ijiem bejn kull test, l-ewwel test ikun maħruġ għall-inqas 21 jum wara introduzzjoni f'stazzjoni ta' kwarantina; jew
3. protetti minn attakk ta' Culicoides għal għall-inqas 14-il jum qabel it-tbaħħir, u soġġetti matul dak il-perjodu għal test Iżolat ta' BTV jew test ta' reazzjoni tal-katina ta' polymerase, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni tad-demm meħuda f'żewġ okkażjonijiet, b'intervall ta' mhux inqas minn sebgħat ijiem bejn kull test, l-ewwel test ikunu maħruġ għall-inqas sebgħat ijiem wara l-introduzzjoni fl-istazzjoni tal-kwarantina; u
4. protetti minn attakk ta' Culicoides matul trasport fil-post ta' tbaħħir.

B. L-isperma kellha tkun miġjuba minn donaturi, li kienu:

1. protetti minn attakk ta' Culicoides għal għall-inqas 100 jum qabel il-bidu ta', matul, il-ġbir ta' l-isperma; jew
2. soġġetti għal test seroloġiku sabiex isib antibodies għal grupp BTV tali li l-kompetizzjoni BT ta' ELISA jew it-test BT AGID, b'riżultati negattivi, għall-inqas kull 60 jum matul il-perjodu ta' ġbir u bejn 28 u 60 jum wara l-ġbir finali għal din il-kunsinna; jew
3. soġġetti għal test ta' virus ta' Iżolament jew test ta' katina ta' reazzjoni polymerase (PCR) fuq kampjuni tad-demm miġbura fil-bidu u tmiem ta', u għall-inqas kull sebgħat ijiem (test ta' Iżolament tal-virus) jew għall-inqas kull 28 jum (test tal-PCR) matul il-kollezzjoni ta' l-isperma għal din il-kunsinna, b'riżultati negattivi.

Ċ. Ova u embrijoni kellhom ikunu miġbura minn donaturi, li kienu:

1. protetti minn attakk ta' Culicoides għal għall-inqas 100 jum qabel il-bidu ta' u matul, il-ġbir ta' l-embrijoni/ova; jew
2. soġġetti għal test seroloġiku sabiex isib antibodies għal grupp BTV tali li l-kompetizzjoni BT ELISA jew it-test BT AGID, bejn 28 u 60 jum wara l-ġbir b'riżultati negattivi; jew
3. soġġetti għal test ta' Iżolament BTV jew test ta' reazzjoni tal-katina polymerase fuq kampjun tad-demm meħuda fil-jum tal-ġbir, b'riżultati negattivi.